Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Angelo Caruana)**
**(Sp. Mario Bonello)**

**vs**

**Edward Grech ta' 20 sena, iben Raymond u Anne nee Pace, mwieled Pieta' fl-24 ta' Ottubru, 1983, u joqghod Annry, Triq il-Gunglien, Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 569283 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Edward Grech li gie akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' April, 2003 b'diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe talli:

Waqt li kien fit-Tattingers Night Club, sitwat Saqqajja Hill, Mdina, ikkommetta serq ta' zewg telefons cellulari tal-marka Nokia u somma flus liema serq huwa kkwlifikat bl-ammont u bil-hin u li sar ghad-detriment Yasmin Angilieri.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' telefon cellulari tal-marka Panasonic u s-somma ta' Lm 10 liema seq huwa kkwalfikat bl-ammont u bil-hin u li sar ghad-detriment Elaine Grech.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' telefon cellulari tal-marka Samsung liema serq huwa kkwalifikat bl-ammont u bil-hin u li sar ghad-detriment Doreen Ellul.

Talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' telefon cellulari tal-marka Omnitel u somma ta' Lm 10 liema serq huwa kkwalifikat bl-ammont u bil-hin u li sar ghad-detriment Ruth Williams.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' telfon cellulari tal-marka Nokia liema serq huwa kkwalfikat bil-hin u li sar ghad-detriment Sharon Farrugia.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' telefon cellulari tal-marka Siemens u somma flus liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u li sar ghad-detriment Lorraine Mallia.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u li sar ghad-detriment Abigail Delia.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkommetta serq ta' telefon cellulari tal-marka Panasonic u somma flus

liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u li sar ghad-detriment Kim Galea.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta serq ta’ flus liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u li sar ghad-detriment Maria Cuschieri.

Rat il-kunsens ta’ l-avukat generali biex din il-kawza tigi tratatta bi proceduri sommarji.

Rat ukoll li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali procedura kif ukoll illi fl-istadju ta’ l-interrogatorju huwa rregistra ammissjoni.

Rat ukoll li fl-istqarrija tieghu huwa kkopera bis-shih ma’ l-Ufficjal Prosekutur.

Rat ukoll il-verbal tad-Difiza dwar ir-ritorn tar-res furtiva irkuprata.

In vista ta’ l-ammisjoni tieghu qeghda ghaldaqstant issib lil Edward Grech hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 18, 261, 267, 270, 279, 281. Dwar il-piena rat il-fedina penali tieghu li hija ghal kollox netta, qieset anke l-eta’ tenera ta’ l-akkuzat, semghet anke l-partijiet dwar l-istess b’mod specjali dak li qal l-abbli avukat difensur li l-akkuzat jista’ jibbenefika minn ordni ta’ probation. Ghaldaqstant wara li rat l-artikolu 7 tal-Kap 446 qeghda tqeghdu taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tmintax-il xahar mil-lum taht dawk il-kundizzjoniet iskritti fil-probation order hawn annessa.

Il-Qorti wara li qrat lil Edward Grech l-ordni ta’ probation hawn annessa spejgat lill-istess l-obbligazzjonijiet tieghu naxxenti taht l-istess ordni u l-konsegwenzi tal-ksur ta’ l-istess.

Il-Qorti tordna li l-istess ordni tigi minufih innotifikata lid-Direttur tal- Probation Services.

Magistrat M.Hayman.

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni Nru. 470/03**

**Illum 8 ta' Lulju, 2003.**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Angelo Caruana)**
**(Sp. Mario Bonello)**

**vs**

**Edward Grech ta' 20 sena, iben Raymond u Anne nee Pace, mwieled Pieta' fl-24 ta' Ottubru, 1983, u joqghod Annry, Triq il-Gunglien, Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 569283 (M).**

**Ordni ta' Probation**.

Illi l-akkuzat ghandu jobdi dawk id-direttivi kollha li jinghataw lilu mill-Probation Officer matul id-durata ta' din l-ordni. Ghal dan l-iskop il-probation officer ghandha, jekk tqis li hu il-kaz, tindirizza lill-akkuzat ghal programm kontra abbuz ta' droga ma' dik l-agenzija li hi tqis opportuna.

Matul il-perjodu ta' din l-ordni Edward Grech ghandu jzomm infurmat f'kull hin lill-probation officer bi kwalunkwe bdil ta' indirizz tar-residenza tieghu.

Il-Qorti tordna wkoll ai terminu ta' l-artikolu 8 tal-Kap 446 li l-probation officer li jirraporta lilu darba kull tlett xhur l-andament ta' Edward Grech fil-perjodu ta' din il-probation order.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------